**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Numru: 483/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Paul Gauci Borda**
**(ID 252366 (M))**

**Illum: 28 ta' Ottubru 2020**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Paul Gauci Borda** ta' 44 sena, iben Paul u Carmen nee` Cassar, imwieled Ħ'Attard nhar it-23 ta' Mejju 1966, residenti 232, Daniens Court, Flat 1, Albert Street, Gżira, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 252366 (M);

Akkużat talli fil-25 ta' Mejju 2010, u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer:

a) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li

d-droga imsemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tittratta mal-imputat bħala li sar reċidiv u talli kiser kundizzjoni mposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona, tas-17 ta' Novembru 2008.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Ottubru 2018, li permezz tiegħu laqgħet it-talba tad-difiża u assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta[1];

Rat illi fis-seduta miżmuma fil-11 ta' Marzu 2020, il-Prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, liema imputazzjoni tikkontempla l-addebitu tar-reċidiva u l-ksur ta' liberazzjoni kundizzjonata mposta b'sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona, tas-17 ta' Novembru 2008[2];

Rat illi fl-istess seduta l-imputat irreġistra ammissjoni għall-ewwel imputazzjoni kif miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, avżatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkonċedietlu żmien biżżejjed biex jerġa' jikkonsidra t-tweġiba tiegħu u jerġa' lura minnha.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu, il-Qorti ma tistax ħlief issibu ħati ta' din l-istess imputazzjoni.

---

[1] Ara d-digriet a fol. 120 tal-proċess.
[2] Ara l-verbal a fol. 146 tal-proċess.

Għal fini ta' piena dwar din l-imputazzjoni, il-Qorti qed tqis illi mix-xhieda tal-**Ispettur Dennis Theuma**[3], **PS 1044 Gordon Calleja**[4], **PC 279 Kevin Gauci**[5], **PC 365 Malcolm Grixti**[6], **PC 1348 Joseph Campbell**[7], u **WPS 297 Rhian Spiteri**[8], jirriżulta illi l-pulizija kienet kisbet informazzjoni kunfidenzjali fis-sens illi l-imputat seta' kien qiegħed jittraffika d-droga eroina mid-dar tiegħu. Għalhekk fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest, fil-25 ta' Mejju 2010, saret tfittxija ġewwa r-residenza tal-imputat. Fuq il-persuna tiegħu nstabu sebat iqratas kontenenti trab kannella suspettat eroina, fil-waqt illi f'*pouch* li ġie mogħti mill-istess imputat lill-pulizija, instabu diversi oġġetti relatati mal-użu tad-droga. L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija lill-pulizija fl-istess jum.[9]

Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**[10], maħtur bħala espert f'dawn il-proċeduri sabiex janalizza l-oġġetti formanti parti minn Dok. DT, esebit mill-Ispettur Dennis Theuma bħala dak li ġie elevat mill-pussess tal-imputat odjern, jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* ta' lewn kannella immarkat S/B/608/2013 li fih kien hemm is-segwenti:

1. Borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm:

   i. Karta bil-kliem Data 25-05-10, Ħin 16:00Hrs, Elevat/i minn fuq il-persuna ta' Paul Gauci Borda I.D. 252366(M) fil-preżenza ta' Paul Gauci Borda minn PC365, PC279, PS1044, PC1348, WPC297;

   ii. Landa żgħira tal-metall bil-kliem *Victorinox Swiss Army Equipped* li fiha *aluminium foil* irromblata b'xi tiċpis ta' lewn kannella;

   iii. Kaxxa żgħira li fiha sebat iqratas tal-plastik li kien fihom trab ta' lewn kannella.

2. Borża tal-plastik trasparenti li ġo fiha kien hemm:

   i. Karta bil-kliem Data 25-05-10, Ħin 16:05Hrs, Elevat/i minn ġo gradenza fil-kuritur fir-residenza ta' Paul Gauci Borda fil-preżenza ta' Paul Gauci Borda minn PC365, PC279, PS1044, PC1348, WPC297 u *pocket* ta' lewn blu li fih diversi siringi vojta, kuċċarina,

[3] A fol. 11 sa 13 tal-proċess.
[4] A fol. 14 u 15 tal-proċess.
[5] A fol. 18 u 19 tal-proċess.
[6] A fol. 20 u 21 tal-proċess.
[7] A fol. 22 u 23 tal-proċess.
[8] A fol. 24 u 25 tal-proċess.
[9] Din tinsab esebita a fol. 7 tal-proċess.
[10] Ara x-xhieda tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, a fol. 33 u 34 u r-relazzjoni tiegħu esebita bħala Dok. GS, a fol. 35 sa 51 tal-proċess.

*lighter, tissue*, biċċa ċaruta, kuċċarina żgħira tal-plastik u borża żgħira tal-plastik trasparenti li fiha kristalli.

Dwar dawn, l-espert ikkonkluda illi:

(a) Fuq estratti meħuda mit-trab ta' lewn kannella nstabet is-sustanza eroina. Il-piż tat-trab kien ta' 1.22 grammi u l-purita` kienet ta' ċirka 29%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) Fuq *swabs* meħuda mill-*foil* u minn fuq il-kuċċarina wkoll instabet is-sustanza eroina.

In oltre mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi l-piżijiet rispettivi tas-sebat iqratas kontenenti d-droga eroina kienu s-segwenti: 0.16 grammi, 0.18 grammi, 0.17 grammi, 0.17 grammi, 0.18 grammi, 0.19 grammi u 0.17 grammi.

Tqis ukoll għal fini ta' piena, il-fedina penali tal-imputat kif aġġornata sa Awwissu 2020 u li sa dakinhar kienet tikkonsisti f'sejbien ta' ħtija *inter alia* dwar reati kontravenzjonali, pussess 'sempliċi' tad-droga f'diversi okkażjonijiet, reati taħt il-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u reati li jiksru r-regolamenti tat-traffiku, serq sempliċi f'diversi okkażjonijiet, serq aggravat u tentattiv ta' serq aggravat, falsifikazzjoni ta' dokumenti, frodi b'egħmil qarrieqi, reat taħt il-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta u traffikar tad-droga eroina. L-aħħar reat li tiegħu nstab ħati l-istess imputat jirrisali għal Awwissu 2015.

Tqis in oltre madankollu, illi kif ingħad iżjed 'il fuq, b'digriet tagħha tas-17 ta' Ottubru 2018, din il-Qorti assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u rreferiet lill-imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga u dan wara li rriżultalha illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8 tal-Kap. 537 kienu ġew sodisfatti, fosthom illi fiż-żmien in kwistjoni, l-imputat kellu dipendenza serja fuq id-droga. F'dan l-istadju, huwa suffiċjenti li jingħad illi tant kienet serja u gravi d-dipendenza tal-imputat fuq id-droga eroina, illi fi kliem **Dr. George Grech**[11], Direttur Kliniku taċ-Ċentru tad-*Detox*, l-imputat kien "*marid fuq id-droga*"[12]. L-imputat kien ilu f'kuntatt maċ-Ċentru tad-*Detox* mis-sena 1993[13], kellu storja ta' madwar tletin sena ta' dipendenza fuq id-droga u kien anke ngħata kura ġewwa l-Isptar Monte Karmeli. Fil-fatt l-imputat ġie rikoverat ġewwa l-Isptar Monte Karmeli ħames darbiet bejn is-snin 1994 u 2015 u dan dejjem b'rabta mad-dipendenza tiegħu fuq id-droga eroina u matul is-snin, kien

---

[11] A fol. 68 sa 71 tal-proċess.
[12] A fol. 69 tal-proċess. Ara x-xhieda ta' Dr. George Grech a fol. 68 sa 71 tal-proċess.
[13] Ara x-xhieda ta' **Reuben Cutajar** mill-Aġenzija Seqda, a fol. 58 sa 64 tal-proċess u r-rapport tiegħu, a fol. 65 u 66 tal-proċess.

ukoll fuq il-kura tal-*methadone.*[14] Mill-istqarrija tal-imputat, rilaxxjata minnu dakinhar tal-arrest tiegħu fil-25 ta' Mejju 2010, jirriżulta illi l-istess imputat jgħid *inter alia* illi huwa kien ilu snin fil-vizzju tad-droga, li kien jikkonsma bejn gramma u tnejn kuljum droga eroina u dan billi jew kien jaħraq l-istess droga jew inkella jinjettaha fil-vina.

Jirriżulta wkoll illi l-imputat għamel kuntatt mal-Aġenzija Caritas f'Settembru 2016 u beda *Evening Programme,* wara li kien anke għamel programm fi ħdan il-Komunita` Santa Maria u li kien ilu ma juża sustanzi lleċiti minn Ottubru 2015.[15]

Il-Qorti qed tqis in oltre illi mid-digriet tagħha tas-17 ta' Ottubru 2018, ir-rapporti kollha li ġew ippreżentati mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga fir-rigward tal-imputat odjern kienu lkoll pożittivi. Mir-rapporti ta' Joseph Borg, *Therapeutic Facilitator* ġewwa d-Dar Charles Miceli, fi ħdan l-Aġenzija Caritas, li segwa lill-istess imputat matul il-perjodu ta' ħdax-il xahar li huwa dam quddiem il-Bord, jirriżulta illi l-imputat għamel l-almu tiegħu sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga. Huwa beda jsegwi *Evening Programme* ġewwa l-imsemmija Dar f'Lulju 2018 u baqa' dejjem konsistenti, tant illi gradwa mill-istess programm fis-26 ta' Ġunju 2019. Il-kampjuni tal-urina tal-imputat dejjem irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti. In oltre l-imputat kien tassew motivat u kien meqjus bħala *role model* għal oħrajn.[16] Permezz ta' nota tal-Bord tat-18 ta' Settembru 2019, il-Qorti ġiet informata illi l-istess Bord kien sodisfatt bil-proċess ta' rijabilitazzjoni tal-imputat, liema proċess intemm b'suċċess.[17]

Qieset ukoll ix-xhieda ta' **Maria Dolores Fenech**, Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali, mil-liema jirriżulta illi dawn tal-lum huma l-uniċi proċeduri pendenti fil-konfront tal-imputat odjern.[18]

Għalhekk jirriżulta ċar u evidenti mill-provi proċesswali illi l-imputat kellu vizzju u dipendenza serja fuq id-droga eroina, liema dipendenza kienet tmur lura għal numru twil ta' snin u ferm qabel iż-żmien li għalih tirreferi l-imputazzjoni odjerna. Il-Qorti m'għandhiex dubju, in vista tal-provi prodotti, tenut kont tan-natura tar-reat li bih jinsab mixli u li ammetta għalih f'dawn il-proċeduri u tenut kont ukoll taċ-ċirkostanzi tal-każ, illi l-istess imputat wettaq l-istess reat bħala konsegwenza ta' din id-dipendenza akuta fuq id-droga eroina. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi ma jiskolpawx lill-imputat, iżda l-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll illi huwa mpenja ruħu bis-sħiħ u rnexxielu jirriforma ħajtu u jirrijabilita ruħu mill-vizzju tad-droga. Notevolment, il-Qorti tikkunsidra mhux biss illi l-imputat fittex

[14] Ara x-xhieda ta' **Dr. Rachel Taylor East**, a fol. 81 sa 88 tal-proċess.
[15] Ara x-xhieda ta' **Noel Cassar** u ta' **Richard Piscopo**, in rappreżentanza tal-Aġenzija Caritas, a fol. 90 sa 93 tal-proċess u a fol. 95 sa 98 tal-proċess rispettivament.
[16] Ara dawn ir-rapporti a fol. 128, 132 u 136 sa 139 tal-proċess.
[17] Ara a fol. 135 tal-proċess.
[18] Ara a fol. 143 sa 145 tal-proċess.

l-għajnuna u m'għadux dipendenti mid-droga, iżda għandu wkoll impjieg fiss u reġa' irrintegra ruħu fis-soċjeta` in ġenerali.

Għalhekk tenut kont tal-atti probatorji riżultanti f'dan il-każ, il-Qorti hija tal-fehma illi għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu u ċioe` illi la darba hija sodisfatta illi r-reat li dwaru l-imputat qed jinstab ħati, kien prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern.

Tqis illi mill-banda l-waħda, fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-imputat qed jinstab ħati, u mill-banda l-oħra, tal-progress notevoli li huwa għamel, fil-każ odjern sentenza ta' priġunerija sospiża hija waħda idonea.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat **Paul Gauci Borda** ħati tal-imputazzjoni (a) miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' tmien (8) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għal perjodu ta' sentejn mil-lum u multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas mill-ħati f'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi żmien xahar mil-lum, b'dan illi jekk il-ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ isir dovut minnufih u jiġi konvertit fi priġunerija skont il-liġi.

Stante illi din ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni, qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni u ċioe` l-addebitu tar-reċidiva u l-ksur ta' liberazzjoni kundizzjonata mposta permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona, tas-17 ta' Novembru 2008.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bi kliem ċar u sempliċi bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż tal-espert maħtur f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mitejn, sebgħa u ħamsin ewro u tletin ċenteżmu (€257.30), rappreżentanti spejjeż in

konnessjoni mal-ħatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oġġetti relatati mad-droga esebiti bħala Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat